2026/2082

14.9.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2082

tal-11 ta' Settembru 2026

li tapprova derogi mir-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-prodotti tad-difiża għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2026/467, l-Ukrajna trid tfassal skeda għal kull attività, nefqa jew miżura relatata ma' prodott tad-difiża jew prodott ieħor għal finijiet tad-difiża li għalih ikun beħsiebha tirċievi assistenza biex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tagħha, skont l-Artikolu 8(2), il-punt (a)(iii), tar-Regolament (UE) 2026/467.

(2) Tali skeda għandha tistabbilixxi deskrizzjoni tal-prodott tad-difiża jew ta' prodott ieħor għall-finijiet tad-difiża u informazzjoni dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2026/467.

(3) L-Artikolu 13(5) tar-Regolament (UE) 2026/467 jistabbilixxi l-possibbiltà biex l-Ukrajna titlob għal derogi mill-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-prodotti tad-difiża għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tapprova tali derogi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, filwaqt li tqis il-parir, l-għarfien espert u l-appoġġ tal-Grupp ta' Esperti tal-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna, u sakemm il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament jagħti opinjoni pożittiva.

(4) Fit-18 ta' Awwissu 2026, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2026/467, l-Ukrajna ppreżentat lill-Kummissjoni skeda tal-prodotti ("il-ħames skeda tal-prodotti"), ikklassifikata f'livell ekwivalenti għal RESTREINT UE/EU RESTRICTED f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 ([2]), relatata ma' missili għas-sistemi tad-difiża tal-ajru (il-"prodotti tad-difiża kkonċernati").

(5) Għall-prodotti tad-difiża kkonċernati, l-Ukrajna talbet li tibbenefika mid-deroga stabbilita fl-Artikolu 13(5), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2026/467, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 13(4) ta' dak ir-Regolament dwar il-manifatturi, l-infrastrutturi, u l-komponenti ta' tali prodotti tad-difiża, sabiex takkwista dawn il-prodotti tad-difiża mingħand il-Gvern ta' pajjiż terz.

(6) B'appoġġ għat-talba tagħha, l-Ukrajna pprovdiet informazzjoni biex turi l-urġenza tal-ħtieġa tagħha għall-akkwist tal-prodott tad-difiża kkonċernat. B'mod aktar speċifiku, hija fakkret li, f'dawn l-aħħar xhur, ir-Russja intensifikat l-attakki u l-użu tal-missili ipersoniċi ballistiċi, kif ukoll tad-droni b'magni li jaħdmu bil-ġett. Dan irriżulta f'għadd sinifikanti u dejjem akbar ta' vittmi ċivili. Speċifikament għall-missili ballistiċi, ir-rata tal-interċettazzjoni Ukrena naqset drastikament minħabba l-eżawriment tal-istokkijiet tal-interċettaturi meħtieġa. Għalhekk, il-ħtieġa operazzjonali urġenti u immedjata għal dawn il-prodotti tad-difiża hija magħrufa u ġġustifikata sew. Barra minn hekk, ir-Russja qed iżżid kontinwament il-manifattura u l-użu ta' prodotti tad-difiża bħall-missili u d-droni biex tattakka lill-Ukrajna, u dan jirrikjedi li din tal-aħħar ikollha interċettaturi f'biżżejjed kwantitajiet. Din is-sitwazzjoni hija aggravata aktar mill-kuntest ġeopolitiku globali attwali, ikkaratterizzat minn żieda qawwija fid-domanda globali għall-prodott tad-difiża kkonċernat, minħabba tensjonijiet internazzjonali li qed jiżdiedu, u dan qed iwassal għal aktar pressjoni fuq il-kapaċità tal-manifattura u fuq l-istokkijiet eżistenti. Filwaqt li qieset dawn l-elementi, l-Ukrajna insistiet fuq l-akbar ħtieġa tagħha li tibda l-proċess ta' akkwist malajr kemm jista' jkun sabiex tiżgura s-slots tal-manifattura disponibbli kmieni kemm jista' jkun.

([1]) ĠU L, 2026/467, 26.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/467/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj).

(7) L-Ukrajna pprovdiet ukoll informazzjoni biex turi li, sal-lum, m'hemm l-ebda prodott tad-difiża disponibbli li hu ekwivalenti għal dawk ikkonċernati, li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 13(2) u (4) tar-Regolament (UE) 2026/467. Dan l-akkwist għandu l-għan li jirrikostitwixxi l-istokkijiet għas-sistemi ta' difiża tal-ajru li diġà jinsabu fis-servizz fil-forzi armati Ukreni. Għalhekk, il-kompatibbiltà tal-prodotti tad-difiża kkonċernati ma' dawn is-sistemi hija essenzjali. Jidher li l-prodotti tad-difiża kkonċernati huma l-uniċi prodotti li jistgħu jintużaw mas-sistemi fis-servizz li għalihom l-Ukrajna teħtieġ munizzjon b'mod urġenti. Barra minn hekk, huwa rilevanti li jissemma li l-forzi armati Ukreni tħarrġu għall-użu tiegħu, u li l-prodott huwa ttestjat għall-ġlied, peress li diġà wera effettività kontra t-theddid. Għalhekk, mal-konsenja, il-prodott jista' jkun operazzjonali u jintuża mill-forzi armati tal-Ukrajna immedjatament.

(8) Barra minn hekk, l-Ukrajna pprovdiet informazzjoni biex tistabbilixxi li ż-żmien meħtieġ għall-konsenja tal-prodotti tad-difiża kkonċernati huwa proporzjonat mal-urġenza tas-sitwazzjoni u l-ħtieġa operazzjonali immedjata tal-Ukrajna, kif ukoll impenn legali mill-Gvern tal-pajjiż terz ikkonċernat dwar il-konformità maż-żmien tal-konsenja. B'mod partikolari, l-Ukrajna wriet li dan il-prodott jikkorrispondi għal ħtieġa operazzjonali immedjata, inkluża l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili esposta għall-attakki intensifikati bil-bombi mir-Russja permezz ta' armi moderni u għalhekk huwa partikolarment urġenti. L-impenn legali pprovdut mill-gvern li jaġixxi bħala fornitur jipprevedi żmien meħtieġ għall-konsenja li huwa maħsub li jiġi rrispettat matul il-proċess intern tiegħu tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għall-iffirmar tal-kuntratt. Filwaqt li ż-żmien meħtieġ għall-konsenja msemmi f'dak l-impenn legali ma jiżgurax li dawn il-prodotti jiġu kkonsenjati fi żmien qasir minħabba d-domanda għolja għal dawn il-prodotti madwar id-dinja, l-Ukrajna pprovdiet ukoll indikazzjonijiet kredibbli li r-riżerva tas-slots tal-manifattura permezz tad-dħul fl-akkwist tinvolvi possibbiltà ġenwina, ibbażata fuq l-esperjenza tal-passat, li tibbenefika minn prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet minn pajjiżi oħrajn li wkoll irriżervaw slots tal-manifattura tal-istess prodotti, u dan jippermetti lill-Ukrajna tirċievi l-prodotti f'data aktar bikrija. Tali possibbiltà tipprovdi opportunità unika għall-Ukrajna biex ikollha aċċess għall-prodotti tad-difiża kkonċernati li huma ta' importanza kbira biex jiġu protetti l-popolazzjonijiet ċivili u l-infrastrutturi kritiċi f'sitwazzjoni fejn, minħabba l-kuntest ġeopolitiku, l-aċċess għal tali prodotti madwar id-dinja huwa partikolarment diffiċli. Fin-nuqqas ta' tali possibbiltà, l-Ukrajna tkun f'sitwazzjoni kritika ta' sigurtà, anke mill-perspettiva tal-kapaċità ta' deterrenza tagħha, u dan ikun ta' detriment ukoll għall-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

(9) Fl-istess ħin, sabiex jiġi żgurat li l-użu tad-deroga tul dak iż-żmien isir b'rispett sħiħ tal-objettivi tar-Regolament biex tiġi ggarantita kooperazzjoni ekonomika u industrijali ġenwina bejn l-Ukrajna u l-Unjoni dwar il-manifattura tal-prodotti tad-difiża, kif ukoll biex tiġi żgurata l-integrazzjoni progressiva tal-industrija tad-difiża Ukrena fil-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB), huwa rilevanti li jitqies li l-Ukrajna qed takkwista fi proċedura parallela, bl-assistenza tar-Regolament (UE) 2026/467 biex issostni l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tagħha, sistemi tad-difiża simili għal dawk li għalihom l-Ukrajna għandha l-ħsieb li takkwista l-prodotti tad-difiża kkonċernati u li jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti inklużi fl-Artikolu 13(4). B'hekk, dan l-akkwist jippermetti l-ittestjar operazzjonali tas-sistema fl-Ukrajna, li huwa pass kruċjali 'l quddiem għad-diversifikazzjoni ulterjuri tal-forniturі tal-Ukrajna, u għall-integrazzjoni kontinwa tal-Ukrajna fl-EDTIB.

(10) Fis-26 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp ta' Esperti tal-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna, stabbilit abbażi tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2026/467, dwar it-talba tal-Ukrajna għal deroga u rċeviet il-parir tiegħu fl-istess data.

(11) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha msemmijin hawn fuq u filwaqt li tqis il-parir tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet għad-deroga stabbiliti fl-Artikolu 13(5) tar-Regolament (UE) 2026/467 huma ssodisfati. Konsegwentement, jenħtieġ li d-deroga mitluba mill-Ukrajna fit-18 ta' Awwissu 2026 tiġi approvata.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2026/467.

(13) Fid-dawl tal-urġenza biex l-Ukrajna takkwista l-prodotti tad-difiża kkonċernati u sabiex tkun possibbli implimentazzjoni rapida tad-deroga, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni tapprova l-użu tad-deroga f'konformità mal-Artikolu 13(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2026/467 kif mitlub mill-Ukrajna fil-ħames skeda tal-prodotti tagħha li waslet għand il-Kummissjoni fit-18 ta' Awwissu 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN